



KUNSILL EWROPEW

**Brussell, 21 ta' Marzu 2014
(OR. en)**

**EUCO 7/1/14
REV 1**

**CO EUR 2
CONCL 1**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW
20/21 ta' MARZU 2014**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (20/21 ta' Marzu 2014).

Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni approfondita dwar is-sitwazzjoni fl-Ukraina. Huwa adotta messaġġ b'saħħtu ta' appoġġ għall-Ukraina u qabel dwar għadd ta' miżuri konkreti f'dak ir-rigward. L-UE u l-Istati Membri tagħha ffirmaw id-dispożizzjonijiet politiċi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukraina. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa u mhux ser jirrikonoxxiha. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe pass lejn it-tnaqqis ta' tensjonijiet, il-Kunsill Ewropew iddeċieda dwar estensjoni tal-projbizzjoni ta' viża u l-iffriżar tal-assi u ħassar is-summit li jmiss UE-Russja. Filwaqt li jibqa' lest għal djalogu, il-Kunsill Ewropew ma eskcludiex konsegwenzi addizzjonali u estensivi għar-relazzjonijiet mar-Russja fil-każ ta' kwalunkwe pass ieħor mill-Federazzjoni Russa biex tiddestabbilizza s-sitwazzjoni fl-Ukraina u talab lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħejju miżuri mmirati possibbli. Huwa ddeċieda wkoll li jmexxi 'l quddiem il-firma tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Ġeorġja u l-Moldova.

L-Ewropa ħierġa mill-kriżi ekonomika u finanzjarja. L-ekonomija Ewropea qed tirkupra, wara bosta snin ta' tkabbir limitat jew anke tkabbir b'rata negattiva. L-irkupru mistenni jissaħħaħ din is-sena. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni u l-perspettivi ekonomiċi u soċjali. Huwa ddiskuta b'mod partikolari r-rispons ta' politika l-aktar adatt għat-terminu qasir u medju. Huwa kkonkluda l-ewwel fażi tas-Semestru Ewropew u kellu l-ewwel diskussjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu li ser isir fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2015. Huwa ffoka wkoll fuq il-kompetittività industrijali Ewropea aktar b'saħħitha bħala mutur għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Huwa kellu l-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-qafas għall-klima u l-enerġija fil-perijodu mill-2020 sal-2030 u qabel dwar it-triq 'il quddiem. Huwa ssottolinja r-rabta importanti bejn l-istrateġija Ewropa 2020, il-kompetittività industrijali u l-politiki tal-klima u l-enerġija. Il-Kunsill Ewropew faħħar il-ftehim li ntlaħaq rigward ir-regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (MUR) li ser iwitti t-triq għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja. Dan jirrappreżenta pass kruċjali ieħor lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti. Finalment, huwa witta t-triq għall-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul.

I. TKABBIR, KOMPETITTIVITÀ U IMPJIEGI

A. IS-SEMESTRU EWROPEW

1. F'Diċembru 2013 il-Kunsill Ewropew approva l-ħames prijoritajiet ta' politika ġenerali għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mniżżla fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir (AGS) tal-2014: il-kisba ta' konsolidament fiskali differenzjat u favur it-tkabir, ir-ritorn għas-self lill-ekonomija, il-promozzjoni ta' tkabir u kompetittività, l-indirizzar tal-qgħad u tal-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u l-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika. Sabiex jorjenta d-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2014, il-Kunsill Ewropew poġġa enfasi partikolari fuq il-politiki li jsaħħu l-kompetittività, jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi u jiġġieldu kontra l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh, u fuq is-segwitu għal riformi biex jittejjeb il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol. Il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà u ta' Konverġenza għandhom jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tas-sena l-oħra u fl-analiżi reċenti tal-Kummissjoni fil-kuntest tas-sorveljanza integrata ta' żbilanċi makroekonomiċi u fiskali, inklużi r-reviżjonijiet approfonditi tagħha u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabir, filwaqt li jitqiesu b'mod sħiħ id-diskussjonijiet li saru fil-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew.
2. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Il-kisba tal-mira tal-Istrateġija ta' tkabir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, tibqa' kruċjali. Il-kriżi naqqset ir-ritmu tal-progress lejn il-kisba tal-miri ewlenin tal-Istrateġija u l-isfidi fit-tul li qed jaffettwaw it-tkabir fl-Ewropa għadhom hemm. Il-Kunsill Ewropew jappella biex jiżdiedu l-isforzi għall-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 u jistenna b'interess ir-rieżami ppjanat tal-Istrateġija Ewropa 2020 fl-2015.

o
o o
o o o

3. Il-Kunsill Ewropew jifraħ lin-negozjaturi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ftehim li ntlaħaq rigward ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Kif ġie ssottolinjat fl-iskambju ta' fehmiet tal-lum bejn il-President tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew, din hija kisba kbira li ser twitti t-triq għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja. Issa huwa importanti li nadottaw b'mod formali r-Regolament qabel tmiem il-leġislatura attwali. Flimkien mal-Ftehim Intergovernattiv dwar it-Trasferiment u l-Mutwalizzazzjoni tal-Kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, dan jirrappreżenta pass kruċjali ieħor lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.
4. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar it-taxxa fuq it-tfaddil ma' pajjiżi terzi Ewropej (l-Isvizzera, il-Liechtenstein, Monako, Andorra u San Marino) u jappella lil daww il-pajjiżi biex jimpenjaw ruħhom b'mod sħiħ għall-implimentazzjoni tal-istandard globali waħdieni l-ġdid għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni, żviluppat mill-OECD u approvat mill-G20, u għall-inizjattiva tal-adottaturi prekoċi.

Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tkompli n-negozjati ma' daww il-pajjiżi rapidament bil-ħsieb li tikkonkludihom sa tmiem is-sena, u jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar is-sitwazzjoni attwali fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru. Jekk ma jsirx biżżejjed progress, ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jesplora għażliet possibbli biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandard globali l-ġdid.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill ser jadotta d-Direttiva dwar it-tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-laqgħa li jmiss tiegħu f'Marzu 2014.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jiżgura li, bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva sa tmiem l-2014, il-liġi tal-UE tkun allinjata b'mod sħiħ mal-istandard globali l-ġdid.

B. KOMPETITTIVITÀ U POLITIKA INDUSTRIJALI

5. L-Ewropa teħtieġ bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva f'termini kemm ta' produzzjoni kif ukoll ta' investiment, bħala mutur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjieg. Il-kompetittività titlob ambjent stabbli, sempliċi u prevedibbli, inkluża regolamentazzjoni aħjar u b'mod partikolari programm REFIT ambizzjuż. Il-qafas ġenerali fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali għandu jsir aktar favorevoli għall-investiment u l-innovazzjoni u għar-ripatrijazzjoni tal-impjieg tal-manifattura. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Għal Rinaxximent Industrijali Ewropew" tipprovdi kontribut importanti f'dan ir-rigward; il-Kummissjoni hi mistiedna tippreżenta pjan direzzjonali sabiex tagħmel progress fil-ħidma fuq din il-bażi.
6. Kwistjonijiet dwar il-kompetittività industrijali għandhom jiġu integrati sistematikament fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE u jagħmlu parti mill-valutazzjonijiet tal-impatt bil-ħsieb li tinkiseb bażi industrijali aktar b'saħħitha għall-ekonomija tagħna. Dan għandu jsir flimkien ma' analiżi tal-impatt fuq il-kompetittività. L-Istati Membri huma mistednin jallinjaw il-miżuri nazzjonali tagħhom mal-miżuri Ewropej għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija fil-livell nazzjonali.
7. Għandhom jitkomplew l-isforzi biex jitlestu u jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-suq intern tal-oġġetti u tas-servizzi, inkluż fl-ekonomija diġitali, u biex titrawwem l-intraprenditorija. L-adozzjoni f'waqtha tal-pakkett "Kontinent Konness" ser tikkontribwixxi għal dan l-oġġettiv. Jeħtieġ li n-netwerks tal-infrastruttura, inklużi n-netwerks diġitali, jiġu żviluppati u aġġornati b'teknoloġiji intelliġenti u innovattivi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi inkoraġġit il-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs, inkluża l-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-finanzi fl-UE kollha.

8. Permezz tal-baġit tagħha, l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-kompetittività industrijali. Għandu jsir l-aħjar użu possibbli mill-istrumenti tal-UE bħal Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment u l-programm COSME kif ukoll minn strumenti finanzjarji bbażati fuq is-suq u strumenti finanzjarji innovattivi oħra biex jiġu appoġġati l-kompetittività u l-aċċess tal-SMEs għal finanzjament.

F'dan il-kuntest, l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għandha tiġi promossa fil-livelli kollha, inkluż bl-użu effiċjenti tal-investiment pubbliku fir-riċerka. Din għandha tiffaċilita l-kuntatti bejn l-intrapriżi u r-raggruppamenti u ttejjeb l-aċċess għat-teknoloġiji innovattivi.

9. Il-kompetittività tal-industrija Ewropea fis-swieq internazzjonali ma tistax tittieħed bħala fatt. Għandhom jitkomplew l-isforzi għat-titjib tal-aċċess għas-suq fid-dinja kollha billi tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-kumpanniji Ewropej fil-katini ta' valur mondjali u l-promozzjoni ta' kummerċ liberu, ġust u miftuħ waqt li jiġu sostnuti l-interessi tagħhom, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jikkontribwixxi aktar għat-tisħiħ tal-internazzjonalizzazzjoni u l-kompetittività tal-kumpanniji Ewropej. L-avvanz ta' aġenda ambizzjuża ta' kummerċ u investiment u l-promozzjoni ta' standards u regolamenti Ewropej u internazzjonali, inkluża l-għlieda kontra l-falsifikazzjoni, huma elementi importanti li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kompetittività industrijali Ewropea fid-dinja. Dan għandu jgħin biex jinfetħu s-swieq, jiġu difiżi l-interessi tal-UE u jiġu promossi b'mod attiv kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fi swieq terzi. Għandu wkoll jibqa' jkun hemm aktar azzjoni biex jiġi żgurat l-aċċess għall-materja prima ewlenija.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni biex timmodernizza ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-istat li ser jidħlu fis-seħħ f'Ġunju 2014. B'mod partikolari, huwa jilqa' l-ħsieb tal-Kummissjoni li tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' politiki u programmi usa' tal-UE, inklużi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, filwaqt li jibqa' jkun hemm kondizzjonijiet ekwivalenti fost l-Istati Membri.

10. It-tisħiħ tat-tkabbir industrijali tal-Unjoni jeħtieġ il-ħiliet adatti. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jindirizzaw bħala prijorità n-nuqqasijiet fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (il-ħiliet STEMS), b'aktar involviment tal-industrija. Għandhom jiġu diretti aktar sforzi mis-setturi pubbliċi u privati lejn il-promozzjoni tal-mobbiltà, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. L-istrumenti disponibbli kollha għandhom jintużaw għal dan il-għan, bħall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESIF), il-ġenerazzjoni l-ġdida Erasmus +, il-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali, l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati jew l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. L-industrija għandha tiġi involuta aktar fil-previżjoni tal-ħtiġijiet ta' ħiliet futuri.
11. Il-proprjeta intellettwali u l-privattivi huma muturi ewlenin għat-tkabbir u l-innovazzjoni. Minkejja r-rwol minn ta' quddiem li qed tieħu f'għadd ta' industriji tat-teknoloġija, l-Unjoni Ewropea għadha lura fil-privattivi. Il-Kunsill Ewropew għalhekk qed jappella biex jissaħħa l-appoġġ għal dawk is-setturi b'rata għolja ta' tkabbir, sabiex jiġi preservat il-vantaġġ tal-Unjoni Ewropea fit-teknoloġija. Il-Partijiet ikkonċernati għandhom jirratifikaw, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tagħhom, il-ftehim dwar il-Qorti Unifikata tal-Privattivi u jagħmlu l-arranġamenti legali u amministrattivi neċessarji sabiex is-sistema tal-privattiva tal-UE tkun tista' tidħol fis-seħħ sa tmiem l-2014.
12. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li t-teknoloġiji abilitanti essenzjali (KETs) huma ta' importanza kruċjali għall-kompetittività industrijali. Il-KETs ta' interess industrijali għoli, bħall-batteriji għall-elettromobbiltà, il-materjal intelliġenti, il-produzzjoni bi prestazzjoni għolja u l-proċessi bijoloġiċi industrijali, għandhom jissaħħu permezz tal-identifikazzjoni rapida ta' proġetti ta' interess Ewropew. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-rwol tat-teknoloġija nadifa bħala element trasversali biex tissaħħa il-kompetittività tal-industrija Ewropea. Il-Kummissjoni mistiedna tirrapporta dwar kif tiġi promossa t-teknoloġija nadifa permezz ta' azzjonijiet konkreti fil-politiki rilevanti kollha tal-UE.
13. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex ikomplu l-ħidma abbażi tal-orjentazzjonijiet stabbiliti hawn fuq. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tar-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020 f'Marzu 2015.

14. Bażi industrijali Ewropea b'saħħitha, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva għandha titqies frabta ma' politika Ewropea koerenti dwar il-klima u l-enerġija, inkluż billi tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-ispejjeż għoljin tal-enerġija, b'mod partikolari għall-industriji tal-Ewropa li jużaw ħafna enerġija.

C. KLIMA U ENERĠIJA

15. Politika Ewropea koerenti dwar l-enerġija u l-klima għandha tiżgura prezzijiet aċċessibbli tal-enerġija, kompetittività industrijali, sigurtà tal-provvista u l-kisba tal-oġġettivi tagħna għall-klima u l-ambjent. Sar progress sostanzjali lejn il-kisba tal-miri tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, li għandhom jintlaħqu kompletament sal-2020.
16. B'kont meħud tal-iskeda ta' żmien li ntlaħaq qbil dwarha f'Varsavja għall-konklużjoni ta' ftehim globali dwar il-klima fil-21 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet f'Pariġi fl-2015, il-Kunsill Ewropew jikkonferma li l-Unjoni Ewropea ser tippreżenta l-kontribut tagħha mhux aktar tard mill-ewwel kwart tal-2015 bħalma għandhom jagħmlu l-ekonomiji maġġuri kollha. Fid-dawl tas-Summit tan-NU dwar il-Klima f'Settembru 2014, il-mira speċifika tal-UE għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ser tkun konformi kompletament mal-oġġettiv ambizzjuż maqbul tal-UE għall-2050. Tali qafas ta' politika maqbul fil-livell tal-UE dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, li għandu jiġi elaborat abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, ser jipprovdi l-istabbiltà u l-prevedibbiltà neċessarji għall-operaturi ekonomiċi tagħha u jikkonferma r-rwol tal-UE fil-livell dinji.

17. Il-qafas il-ġdid għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:

- aktar titjib tal-koerenza bejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-użu ta' enerġija rinnovabbli u t-twettiq tal-oġettivi għall-2030 b'mod kosteffettiv, bi Skema riformata għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li jkollha rwol ċentrali f'dan ir-rigward;
- żvilupp ta' qafas ta' appoġġ tal-UE għall-avvanzar tal-enerġiji rinnovabbli u żgurar tal-kompetittività internazzjonali;
- żgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija għad-djar u n-negozji bi prezzijiet aċċessibbli u kompetittivi;
- għoti ta' flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-mod li bih huma jżommu mal-impenji tagħhom sabiex jiġu riflessi ċ-ċirkostanzi nazzjonali u tiġi rispettata l-libertà tagħhom li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom.

18. Bil-ħsieb ta' ftehim bikri dwar qafas ta' politika ġdid għall-enerġija u l-klima fil-perijodu mill-2020 sal-2030, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu jaħdmu u jiżviluppaw b'mod rapidu l-elementi li ġejjin:

- janalizzaw l-implikazzjonijiet għall-Istati Membri individwali tal-proposti tal-Kummissjoni dwar il-miri fl-UE kollha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-enerġija rinnovabbli;
- jelaboraw mekkaniżmi li għandhom jirriżultaw fi qsim ġust tal-isforz ġenerali u jsaħħu l-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija;
- jiżviluppaw miżuri għall-prevenzjoni ta' rilokazzjoni potenzjali tal-emissjonijiet ta' karbonju u jappellaw għal sigurtà ta' pjanar fit-tul għall-investiment industrijali sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-industriji tal-Ewropa li jużaw ħafna enerġija;
- jirrieżaminaw id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija fil-mument xieraq u jiżviluppaw il-qafas tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Il-Kunsill Ewropew ser jieħu kont tal-progress li jkun sar fuq dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju, fost affarijiet oħra abbażi ta' konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, bil-ħsieb li jieħu deċiżjoni finali dwar il-qafas ta' politika ġdid malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn Ottubru 2014. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-President tiegħu u lill-Kummissjoni Ewropea biex jieħdu l-passi neċessarji għat-tħejjija ta' din id-deċiżjoni.

19. L-oġġettivi tat-tlestija tas-suq intern tal-enerġija sal-2014 u tal-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet sabiex jintemm kwalunkwe iżolament tal-Istati Membri min-netwerks Ewropej tal-gass u l-elettriku sal-2015 jibqgħu prijorità. Il-Kunsill Ewropew jappella biex jiġu aċċellerati l-isforzi b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda:
- implimentazzjoni rapida tal-miżuri kollha biex tinkiseb il-mira li tintlaħaq interkonnessjoni ta' mill-inqas 10% tal-kapaċità installata tagħhom tal-produzzjoni tal-elettriku għall-Istati Membri kollha. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex sa Ġunju tippromovi oġġettivi speċifiċi dwar l-interkonnessjoni li għandhom jinkisbu sal-2030 bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni sa mhux aktar tard minn Ottubru 2014. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għat-titjib ta' interkonnessjonijiet mal-partijiet l-aktar imbiegħda u/jew inqas konnessi tas-suq uniku, inkluż permezz tat-titjib u l-ħolqien ta' flussi invertiti, u l-integrazzjoni tal-Istati Membri fin-netwerks kontinentali Ewropej;
 - implimentazzjoni effettiva u konsistenti tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija mill-atturi kollha fis-suq Ewropew tal-enerġija;
 - applikazzjoni u infurzar effettivi tar-regoli tal-UE rigward l-integrazzjoni tas-suq u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u impenn għal kondizzjonijiet ekwivalenti għall-kumpanniji li joperaw fl-UE.

20. Għandhom jiġu intensifikati l-isforzi biex jitnaqqsu r-rati għoljin tad-dipendenza tal-Ewropa fuq l-enerġija tal-gass, speċjalment għall-Istati Membri l-aktar dipendenti. Il-moderazzjoni tad-domanda tal-enerġija permezz ta' effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija għandha tkun l-ewwel pass li għandu wkoll jikkontribwixxi għal objettivi oħra tal-enerġija u l-klima. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex twettaq studju fil-fond dwar is-sigurtà tal-enerġija tal-UE u biex tippreżenta pjan komprensiv għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-enerġija sa Ġunju tal-2014. Il-pjan għandu jirrifletti l-fatt li l-UE għandha bżonn taċċellera aktar diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tagħha, iżżid is-setgħa ta' negozjar tagħha u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tkompli tiżviluppa sorsi tal-enerġija rinnovabbli u indiġeni oħra u tikkoordina l-iżvilupp b'mod sostenibbli tal-infrastruttura biex tappoġġa din id-diversifikazzjoni, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet. Interkonnessjonijiet bħal dawn għandhom jinkludu wkoll il-peniżola Iberika u ż-żona tal-Mediterran. Fejn rilevanti, l-interkonnessjonijiet għandhom jiġu żviluppati wkoll ma' pajjiżi terzi. L-Istati Membri ser juru solidarjetà fil-każ ta' interruzzjonijiet mhux mistennija tal-provvista tal-enerġija fi Stat Membru wieħed jew diversi. Barra minn hekk, għandha tittieħed aktar azzjoni biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-Kuritur tan-Nofsinhar, inklużi aktar rotot sekondarji fl-Ewropa tal-Lvant, biex jiġu eżaminati modi kif l-esportazzjonijiet tal-gass naturali mill-Amerika ta' Fuq għall-UE jiġu ffaċilitati u biex jiġi kkunsidrat l-aħjar mod kif dan jiġi rifless fit-TTIP, u tiżdied it-trasparenza ta' Ftehimiet Intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija.
21. Sabiex jinkisbu l-obiettivi stabbiliti hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-proġetti rilevanti ta' interess komuni għandha tiġi aċċellerata u r-riżorsi disponibbli tal-UE, inkluż il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u l-kapaċità ta' finanzjament tal-BEI, għandhom jiġu mobilizzati malajr.

22. Fid-dawl tal-fatturi ewlenin tal-ispejjeż identifikati fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew jappella għal sforzi sostnuti biex jiġu moderati l-ispejjeż tal-enerġija li jiġġarrbu mill-utenti finali tal-enerġija, b'mod partikolari permezz ta':
- evoluzzjoni progressiva tal-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli għal sistema aktar kosteffettiva u bbażata fuq is-suq u konverġenza akbar tal-iskemi nazzjonali ta' appoġġ wara l-2020;
 - investiment sostnut fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u ġestjoni tad-domanda tul il-katina ta' valur kollha u fl-istadju tar-Riċerka u l-Iżvilupp;
 - użu akbar tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku disponibbli fis-suq intern aktar milli dipendenza fuq kapaċitajiet nazzjonali biss, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-Istati Membri fl-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista;
 - promozzjoni ta' riżorsi domestiċi u ta' kompetizzjoni fis-swieq tal-provvista tal-gass u indirizzar tal-kwistjoni tar-rabta kuntrattwali tal-prezzijiet tal-gass u taż-żejt.

Dan kollu għandu jkun f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat u r-regoli tas-suq intern.

Abbażi tal-miżuri ta' hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet adatti li jwasslu għal tnaqqis tal-ispejjeż bil-mod l-aktar adatt għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom. Il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn il-politiki settorjali għandha tiġi żgurata sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-oġġettivi fil-livell tal-UE.

23. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex jeżaminaw aktar il-prattiki nazzjonali differenti tagħhom dwar l-imposti tal-politika tal-enerġija, il-komponenti tat-taxxa fil-prezzijiet u l-ispejjeż tan-netwerks, bil-għan li jitnaqqsu kemm jista' jkun il-konsegwenzi negattivi għall-prezzijiet tal-enerġija. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza reċenti, l-Istati Membri għandhom ikomplu jiskambjaw regolarment informazzjoni dwar deċiżjonijiet nazzjonali maġġuri dwar l-enerġija li għandhom impatt possibbli fuq Stati Membri oħra, waqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-għażliet nazzjonali tat-taħlita tal-enerġija.

o
o o
o o o

ĊIPRU

24. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-issoktar ta' negozjati ta' riżoluzzjoni integrali bbażati fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-11 ta' Frar bil-għan tar-riunifikazzjoni ta' Ċipru. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa riżoluzzjoni komprensiva u vijabbli tal-problema ta' Ċipru fil-qafas tan-NU, skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li d-diviżjoni ta' Ċipru ilha għaddejja għal wisq żmien u jenfasizza l-importanza li jinżamm il-momentum. Il-Kunsill Ewropew jinsab lest li jagħmel il-parti tiegħu biex jappoġġa n-negozjati. Ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru tkun ta' benefiċċju għall-poplu Ċiprijott kollu u, f'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jappoġġa kull miżura għall-bini ta' fiduċja li jintlaħaq qbil dwarha miż-żewġ partijiet, li tista' tikkontribbwixxi b'mod deċiżiv għall-ħolqien ta' ambjent ta' fiduċja reċiproka u tagħti spinta lill-proċess tan-negozjati.

II. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Ukraina

25. L-Unjoni Ewropea tappoġġa lill-poplu Ukrain u d-dritt tiegħu li jagħżel il-futur tiegħu stess. L-Unjoni Ewropea tappoġġa lill-Gvern Ukrain fl-isforzi tiegħu biex jistabbilizza l-Ukraina u jagħmel ir-riformi. F'dan il-kuntest l-Unjoni Ewropea ser tagħmel aktar sforzi mal-komunità internazzjonali biex tassisti lill-Ukraina.
26. L-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Ukraina ser jiffirmaw id-dispożizzjonijiet politiċi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jiffirmaw il-bqija tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, li flimkien mad-dispożizzjonijiet politiċi jikkostitwixxu strument uniku. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li l-ewwel laqgħa fid-djalogu politiku kif previst skont il-Ftehim għandha ssir f'April. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jadottaw malajr il-proposta għat-tneħħija temporanja tad-dazji doganali, l-hekk imsejħa miżuri ta' Kummerċ Awtonomu, fuq l-esportazzjonijiet Ukraini lejn l-Unjoni Ewropea.

27. Il-kisba mill-ġdid tal-istabbiltà makroekonomika fl-Ukraina hija prijorità immedjata. Il-gvern Ukrain jeħtieġ li jibda malajr programm ambizzjuż ta' riformi strutturali, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tisħiħ tat-trasparenza tal-operazzjonijiet fiskali kollha. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Kunsill biex jaqbel malajr dwar l-assistenza makrofinanzjarja u jissottolinja li ftehim mal-FMI huwa kritiku biex din l-assistenza tkun possibbli. L-Istati Membri tal-UE jaqblu li jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom fil-FMI fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-assistenza lill-Ukraina. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istabbiliment ta' punt fokali għall-koordinazzjoni tal-isforzi li għandhom jirfdu t-transizzjoni strutturali fl-Ukraina bil-parteċipazzjoni tal-komunità internazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.
28. L-Unjoni Ewropea tfaħħar ir-rispons meqjus li ntwera s'issa mill-Ukraina. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenn tal-gvern Ukrain biex jiżgura n-natura rappreżentattiva u l-inklużività tal-istrutturi governattivi, li jirriflettu d-diversità reġjonali, biex jiżgura l-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-persuni li huma parti minn minoranzi nazzjonali, biex jagħmel riformi kostituzzjonali, biex jinvestiga l-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem u l-atti ta' vjolenza u biex jiġġielel kontra l-estremiżmu. F'dan il-kuntest l-Unjoni Ewropea tinkoraġġixxi lill-gvern Ukrain sabiex jiżgura li l-elezzjoni Presidenzjali tal-25 ta' Mejju tkun libera u ġusta.
29. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tissalvagwardja s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukraina. Il-Kunsill Ewropew ma jirrikonoxxix ir-referendum illegali fil-Krimea, li jikser biċ-ċar il-Kostituzzjoni Ukraina. Huwa jikkundanna bil-qawwa l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa u mhux ser jirrikonoxxiha. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-konsegwenzi legali tal-annessjoni tal-Krimea u biex tipproponi restrizzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u finanzjarji rigward il-Krimea għal implimentazzjoni rapida.
30. Fid-dawl ta' dan u fin-nuqqas ta' kwalunkwe pass lejn it-tnaqqis tat-tensjonijiet il-Kunsill Ewropew jaqbel li jespandi l-lista tal-individwi li huma soġġetti għal projbizzjonijiet ta' viża u l-iffriżar tal-assi. Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jikkancelła s-Summit UE-Russja li jmiss u jinnota li għalissa l-Istati Membri mhumx ser ikollhom summits bilaterali regolari. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew u l-Istati Membri jappoġġaw il-laqgħa li jmiss tal-pajjiżi tal-G7 fl-Aja. Huma jappoġġaw ukoll is-sospensjoni tan-negozjati dwar is-sħubija tar-Russja fl-OECD u l-IEA.

31. Il-Kunsill Ewropew jemmen bis-sħiħ li m'hemmx lok għall-użu tal-forza u l-koerċizzjoni biex jinbidlu l-fruntieri fl-Ewropa fis-seklu 21. L-azzjonijiet Russi jiksru biċ-ċar il-proċess ta' Helsinki, li fl-40 sena li għaddew ikkontribwixxa biex jingħelbu d-diviżjonijiet fl-Ewropa u biex jinbena kontinent paċifiku u magħqud. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-fatt li r-Russja għadha ma ħaditx passi biex jitnaqqas il-livell ta' tensjoni fil-kriżi u li n-negozjati bejn l-Ukraina u l-Federazzjoni Russa għadhom ma bdewx. Huwa jhegġegħ li jintlaħaq qbil minnufih dwar missjoni tal-OSKE li għandha tiġi mobilizzata fl-Ukraina mill-aktar fis possibbli, sabiex tgħin fl-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jitlob lir-Rappreżentant Għoli biex tfassal pjanijiet b'mod urġenti għall-kontribut tal-UE biex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-missjoni tal-OSKE. Fin-nuqqas ta' qbil fil-jiem li ġejjin dwar missjoni kredibbli tal-OSKE, l-UE ser tippjana missjoni tal-UE.
32. L-Unjoni Ewropea għandha responsabbiltà speċjali għall-paċi u l-istabbiltà fl-Ewropa. Hija ser tibqa' fuq quddiem nett fl-isforzi biex tiffaċilita u tinvolvi ruħha fi djalogu sinifikattiv li jinvolvi lill-Ukraina u lir-Russja, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu multilaterali, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni politika.
33. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li kwalunkwe pass ulterjuri mill-Federazzjoni Russa biex jiddestabilizza s-sitwazzjoni fl-Ukraina jwassal għal aktar konsegwenzi estensivi fir-relazzjonijiet f'firxa wiesgħa ta' oqsma ekonomiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħejju miżuri mmirati possibbli.
34. L-Unjoni Ewropea tikkonferma mill-ġdid l-oġettiv tagħha li ssaħħaħ aktar l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika mal-Ġeorġja u r-Repubblika tal-Moldova. Aħna nikkonfermaw il-mira tagħna li, mhux aktar tard minn Ġunju 2014, niffirmaw il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, inklużi ż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi, li bdejna f'Vilnius f'Novembru li għadda.

Relazzjonijiet UE - Afrika

35. Qabel ir-raba' Summit UE-Afrika fit-2 u t-3 ta' April 2014, l-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata biex tibni sħubija ta' ugwajjanza mal-Afrika u ssaħħa ir-relazzjonijiet fl-oqsma rilevanti kollha bi tweġiba għall-interdipendenza li qed tikber bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika. Il-Kunsill Ewropew jesprimi li l-UE tinsab lesta li tikkoopera aktar mas-sħab Afrikani tagħha fil-promozzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp, id-demokrazija u l-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa jissottolinja wkoll l-importanza li jiġu indirizzati l-migrazzjoni u l-mobbiltà, inkluż il-migrazzjoni irregolari u l-ġlieda kontra l-kuntribandu ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, fi spirtu ta' responsabbiltà kondiviża bejn il-pajjiżi ta' transitu, ta' oriġini u ta' destinazzjoni.
36. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza b'mod partikolari li l-appoġġ internazzjonali kontinwu għas-sħab Afrikani fil-qasam tas-sigurtà jibqa' kruċjali u jinkoraġġixxi donaturi oħrajn biex jieħdu sehem fil-kondiviżjoni tal-piżijiet. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ operazzjonali permezz tal-missjonijiet ċivili tagħha tal-maniġġar ta' kriżijiet u l-operazzjonijiet militari tagħha, fuq it-talba ta' pajjiżi individwali u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' atturi reġjonali u internazzjonali oħra. F'dan il-kuntest, huwa jenfasizza l-urġenza li jiġi mobilizzat appoġġ finanzjarju u operazzjonali għall-Missjoni Internazzjonali ta' Appoġġ għar-Repubblika Ċentru-Afrikana taħt tmexxija Afrikana (MISCA) u jerġa' jafferma l-impenn tal-Unjoni li timmobilizza l-operazzjoni tagħha EUFOR RCA fil-ġimgħat li ġejjin.
37. L-Unjoni Ewropea ser tikkunsidra wkoll modi u mezzi biex tappoġġa inizjattivi Afrikani għall-bini tal-kapaċità, li għandhom isaħħu l-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà u jippermettu lis-sħab Afrikani jipprevjenu kunflitti u jindirizzaw il-kriżijiet b'mod effettiv u rapidu. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi aktar ħidma fil-livell tal-UE biex jittejjeb l-appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċità Afrikana b'mod komprensiv u sistematiku li jinkludi pariri, mentoraġġ, taħriġ u tagħmir. Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli tagħmel aktar proposti f'dan ir-rigward, inkluż dwar mekkaniżmu possibbli ta' koordinament dwar il-provvediment ta' tagħmir għall-appoġġ ta' taħriġ pprovdut mill-UE.

Sri Lanka

38. Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat għar-responsabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem universali fis-Sri Lanka. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar is-Sri Lanka fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem li għandha tipprevedi investigazzjoni internazzjonali dwar id-delitti allegati tal-gwerra miż-żewġ naħat matul il-gwerra, kif irrakkomanda l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem.
